MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2002

Numru 366/2000

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Pierre Calleja u Joseph Valletta)**

**vs**

**John Scicluna, Michael Zahra u Noel Frendo**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati **John Scicluna** ta' 33 sena bin Carmel Matthew u Carmela nee' Busuttil imwieled f'Tas-Sliema fil-20 ta' Ottubru, 1966 u residenti f'Mantilla, Valletta Road Mosta, detentur ta' karta ta' identita numru 434766(M);

**Michael Zahra** ta 28 sena bin Alfred u Mary nee' Spiteri imwieled Pieta' fit-22 ta' Settembru, 1971 u residenti 41, Triq il-Kampnar, Bormla detentur ta' karta ta' identita numru 440071(M);

**Noel Frendo** ta’ 24 sena bin il-mejjet Dominic u Mary nee’ Catania imwieled Pieta’ fis-11 ta’ Dicembru 1975 u residenti 362, Main Street, Mosta detentur ta’ karta ta’ identita numru 63276(M) akkuzati talli:

a) b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’resoluzzjoni wahda f’Ta’ Xbiex Sea Front l-Imsida, nhar l-20 ta’ Mejju 2000 f’xi hin wara nofsinhar, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom stereo tal-marka Pioneer, arlogg ta’ l-idejn tal-marka Calinda u oggetti ohra, minn vettura tal-marka Volkswagon Polo bin-numru tar-registrazzjoni FIO808, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, vjolenza numerika u x-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta’ Fiona Fava mill-Imsida;

b) fl-istess data, fil-Qawra limiti ta’ San Pawl il-Bahar, ukoll f’xi hin wara nofs inhar, ikkommettew serq ta’ makkinarju mill-lukanda Sea View, sitwata f’Islet Promenade, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, u valur, u li sar ghad-detriment tal-proprjetarji ta’ l-istess lukanda;

c) fl-istess data, fl-Imsida, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara fil-vettura tal-marka Volgswagon Polo bin-numru tar-registrazzjoni FIO 808, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda li ma taccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm500) ghad-detriment ta’ Fiona Fava mill-Imsida;

d) fl-istess data, fl-Imsida u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwestati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

e) fl-istess data, f’Bugibba limiti ta’ San Pawl il-Bahar, f’xi hin wara nofs inhar, bil-hsieb li jikkommettu reat, wrew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni billi

b’mezz kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar grajja kimerika, u dan biex jaghmlu qliegh ta’ aktar minn mitejn lira Maltin (Lm200) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) bi hsara ta’ haddiehor, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ taghhom.

f) takkuza lil Michael Zahra wahdu talli huwa kiser il-provedimenti u l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 31 ta’ Mejju 1999 u 20 ta’ Marzu 2000 rispettivament;

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali li kien tal-fehma li mill-atti tal-kumpilazzjoni setghet tinstab htija jew htijiet fl-imputati taht l-artikoli tal-ligi minnu hemm citati u ghalhekk baghat l-atti lill-din il-Qorti bhala wahda ta’ gudikatura kriminali sabiex l-imputati jigu processati quddiema fin-nuqqas ta’ oggezzjoni minn naha taghhom.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputati huma akkuzati b’serq kwalifikat, hsara volontarja, ricettazzjoni u attentat ta’ serq.  Akkuzati wkoll li huma recidivi u l-imputat Michael Zahra huwa wahdu akkuzat bi ksur ta’ ordni ta’ probation.

Mill-provi tirrizulta ben delinjata s-serqa li saret mill-vettura numru ta’ registrazzjoni FIO-808.  Jirrizulta wkoll sodisfacentement l-attentat ta’ serq permezz ta’ ‘credit card’ a detriment ta’ sid il-hanut “Solid Gold” f’Bugibba.

Illi mill-kumpless tal-provi l-Qorti m'ghandhix dubbju li ghat-tali serq u l-attentat kif ukoll ghall-hsara kkagunata fuq l-fuq imsemmija vettura kienu responsabbli l-imputati, anki jekk is-sehem fir-reati taghhom individwalment mhux car.

Illi tirrizulta wkoll ir-ricediva u wkoll il-ksur ta' ordni ta' probation fil-konfront tal-imputat Michael Zahra.

Ghaldaqstant tiddikjara l-imputati hatja skond l-akkuzi izda mhux tar-raba' akkuza stante li hi n-alternattiva ghas-serq u wara li rat l-Artikoli 18, 261(a) (b) (c) (g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 271, 276, 277, 278, 279(2), 280, 281, 325(a), 41(1)(a), 308, 309, 310, 31, 49, 50, tal-Kap 9 u l-Artikoli 5, 9, 11, 12 tal-Kap 152 tiddecidi kif hawn taht ser jinghad:

- li kontra l-imputat John Scicluna tapplika l-Artikolu 5 tal-Kap 152 u tpoggih taht ordni ta' probation taht il-harsin tal-ufficjal tal-probation Godwin Steer;

- li kontra l-imputat Michael Zahra u Noel Zahra tapplika l-istess Artikolu 5 tal-Kap 152 izda ghall-perjodu ta' tlett snin taht il-harsien tal-ufficjal tal-probation Mary Grace Vella.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------